**14 ta' Diċembru, 1994**

**Imħallfin: -**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

Joseph Azzopardi

*versus*

Kummissarju tal-Pulizija u l-Ispettur Joseph Psaila u b'digriet ta' l-1 ta' Ġunju, 1992, ġie kkjamat fil-kawża Dr. Lawrence Pullicino personalment

**Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem - Libertà Personali - Trattament Inuman u Degradanti - Arrest - *Lock Up* - Suspett Raġonevoli - Ordnijiet Superjuri**

*Ir-rikorrent allega ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu għal-libertà personali u minħabba trattament inuman u degradanti. Il-*

*Prim'Awla tal-Qorti Civili sabet li kien hemm biss ksur tad-dritt għal-libertà personali. Il-Qorti Kostituzzjonali rriformat is-sentenza billi sabet li kien hemm ukoll trattament inuman u degradanti.*

*Arrest li jsir mingħajr suspett raġonevoli ta' kummissjoni ta' reat huwa illegali u vjolattiv tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem. Inoltre l-'lock up', tal-pulizija fejn ir-rikorrent ġie detenut kienet fi stat tali li rrendiet lill-pulizija ħatja ta' trattament inuman u degradanti.*

Il-Qorti: –

1. Ir-rikors li beda din il-proċedura ġie pprezentat fil-15 ta' Novembru, 1984;

Il-fatti li taw lok għall-istess se jiġu riprodotti kif ġew sostanzjalment aċċettati fis-sentenza ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ta' l-10 ta' Mejju, 1994;

2. Fl-10 ta' Ottubru, 1984, għal xi 2.30 p.m., Joseph Azzopardi mar il-Kwartier Ġenerali tal-Pulizija, il-Furjana, flimkien ma' l-avukat tiegħu Dottor Edward Debono;

Jidher li r-rikorrent kien mitlub biex imur hemm mill-Ispettur Psaila. Meta wasal hemmhekk, xi uffiċjal tal-Pulizija qallu li kellu jnizzel miegħu l-karrozza u għalhekk ġie skortat lura sad-dar, u bil-karrozza tiegħu stess, reġa' niżel il-Kwartier Ġenerali;

3. Dam jistenna f'kamra sa xi s-7 p.m., meta ġie ordnat biex jidħol f'ċella. Sakemm dam fil-kamra ma tħalliex li jikkommunika ma' ħadd, lanqas man-nies tal-familja biex ikun jista' jinfurmahom b'dak li kien qed jiġri;

4. Meta ġie mdaħħal fiċ-ċella, tneħħewlu l-lazzijiet taż-żarbun u ttiħdulu s-sigaretti, u ġie infurmat illi l-arrest kien beda dak il-ħin – fis-7 p.m. Fiċ-ċella kien hemm intiena li ma ndunax minn fejn kienet ġejja – għalkemm l-art taċ-ċella kienet imċappsa b'ilma maħmuġ. Il-lożor li kien hemm fuq is-sodda kellhom tbajja' kbar u huma wkoll kienu jintnu. Meta kien fiċ-ċella, minħabba l-attakk tan-nemus, huwa beda jgħajjat imma ħadd ma mar biex jara x'għandu bżonn;

5. Imbagħad Azzopardi ttieħed fl-uffiċċju ta' l-Ispettur Psaila fejn sab ukoll sebgħa jew tmienja min-nies oħra, li però ma kinux bl-uniformi. Mill-arloġġ li kien hemm fl-uffiċċju, ra li kienu t-8.30 p.m.;

6. Ġie mistoqsi jekk fil-ġimgħa preċedenti kienx "ibbujja" lil xi ħadd. Meta Azzopardi, mistoqsi ripetutament baqa' jinnega, f'xi d-8.45 p.m., reġa' ttieħed fiċ-ċella – fejn baqa' maqful sad-9.30 p.m. ta' l-għada. L-intimat Psaila ma jaqbilx ma' din il-verżjoni tal-fatti, u jgħid li interroga lir-rikorrent għal erba' darbiet, interrogazzjonijiet qosra u li kienu jirrigwardaw il-pusses u t-tixjir ta' armi waqt li r-rikorrent u oħrajn kienu fil-karrozza għaddejjin minn ħdejn xi skejjel;

7. Meta Azzopardi talab biex imur fit-twaletta, ġabulu flixkun tal-plastika maqsum min-nofs. Ma ħarġuh qatt miċ-ċella. Fiċ-ċella kien hemm kwantità kbira ta' nemus li gidmu lill-arrestat, tant illi ntefaħlu wiċċu, u meta ġie lliberat u qalulu li jista' jieħu l-karrozza biex imur id-dar, huwa ipprefera jċempel u difatti, niżel għalih missieru li ħadu d-dar. Meta waslu d-dar, il-familjari tar-rikorrent indunaw bl-istat mhux biss ta' wiċċ ir-rikorrent iżda partijiet oħra ta' ġismu, u allura ħaduh l-isptar fejn ġie mmedikat għad-dbabar li kellu fi kwantità mhux solita,

jekk mhux eċċezzjonali;

8. Ir-rikorrent issottometta li b'dawn il-fatti huwa sofra vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu garantiti fl-artikoli 35 u 37 tal-Kostituzzjoni u għalhekk talab lill-imsemmija Qorti biex tillikwidalu kumpens xieraq u li tagħti dawk ir-rimedji li jidhrilha xierqa;

9. L-intimati opponew illi r-rikorrent ma għamilx użu mill-mezzi ġuridiċi ordinarji qabel ma ttanta r-rikors għal din l-azzjoni; u *mingħajr preġudizzju, għall-preċedenti,* ir-rikors huwa frivolu u vessatorju;

10. Il-kjamat in kawża, da parti tiegħu, issottometta illi huwa ma kienx jaf x'qed jiġri fil-każ u għalhekk m'għandux x'jirrispondi. B'danakollu, l-arrest ma kienx arbitrarju u ma kien hemm l-ebda trattament inuman u degradanti. Huwa, fi kwalunkwe każ, kien għal kollox estraneju għal dak li ġara;

11. Fl-10 ta' Mejju, 1994, l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet ir-rikors u dik is-sentenza se tiġi ripetuta kważi interament:

Ikkunsidrat:

Il-Qorti tikkunsidra fl-ewwel lok, l-ilment tar-rikorrent illi ġew ivvjolati d-drittijiet fundamentali tiegħu protetti bl-artikolu 35 (illum 34) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, meta hu ġie assoġġettat għall-arrest arbitrarju. Ir-rikorrent jissottometti illi hu kien ipprivat mil-libertà personali tiegħu in vjolazzjoni ta' dak l-artikolu li jispeċifika li tali arrest preventiv ma jistax isir jekk mhux:

a. Fuq **suspett raġonevoli** li l-persuna tkun ikkommettiet jew tkun sejra tikkommetti reat kriminali;

b. Fejn dan ikun il-każ "għandu jinġieb quddiem Qorti **mhux aktar tard** minn tmienja u erbgħin (48) siegħa wara";

Jallega wkoll taħt dan il-Kap, li hu ma kienx ġie **informat fil-ħin ta' l-arrest jew detenzjoni tiegħu** bir-raġunijiet għala hu kien ġie arrestat u ddetenut. Dan in vjolazzjoni tas-subinċiż (2) ta' l-istess artikolu 35 (illum 34);

Jingħad mill-ewwel – dana mhux b'sens ta' ġustifikazzjoni għall-aġir ta' l-intimati, imma għax hekk hu ġust – li l-fatti tal-każ jinkwadraw ruħhom mal-prassi li ċertament kienet viġenti f'ċertu żmien, u ċjoè fiż-żmien rilevanti – il-Qorti ma tafx jekk din l-attitudni ġietx b'xi mod immodifikata jew abbolita – illi l-Pulizija Eżekuttiva, appena jkollha l-iċken indikazzjoni ta' rapport li xi ħadd seta' jkun involut f'inċident li seta' ta lok għal aġir kriminuż, kienet tarresta minnufih lil dik il-persuna biex dan ikun a disposizzjoni tagħha għall-investigazzjoni. Dana anke jekk ma jkun hemm l-ebda indikazzjoni serja li l-persuna kienet ikkommettiet ir-reat jew tkun sejra tikkommettih. L-arrest preventiv kien allura jsir b'leġġerezza kbira u kien aċċettat li hekk kellu jsir fil-kors normali ta' l-investigazzjoni. Kultant anke bħala mezz biex il-Pulizija tikseb informazzjoni minn persuna li **tkun taf** li hi innoċenti. Prassi dejjem kundannabbli u in vjolazzjoni aperta tal-Kostituzzjoni li wieħed jispera li spiċċat għal dejjem. Il-Qrati tagħna diġà kellhom okkażjoni li jittrattaw *funditus* il-materja ta' l-arrest preventiv u analizzaw l-elementi tas-"suspett raġonevoli" li l-Kostituzzjoni tirrkjedi bħala *sine qua non* għall-privazzjoni tal-libertà ta' l-individwu. Mhux il-każ li l-Qorti tiddilunga aktar dwarhom. Tagħmel riferenza

ampja għalihom, u fost dawn għall-insenjament ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell *(recte* Qorti Kostituzzjonali) "Frankie Mifsud *vs* Kummissarju tal-Pulizija *et*", (deċiża fis-7 ta' Marzu, 1990); "Tonio Vella *vs* Kummissarju tal-Pulizija *et*" (deċiża fil-5 ta' April, 1991); "John Vella *vs* Kummissarju tal-Pulizija *et*" it-tnejn deċiżi fil-21 ta' Jannar, 1993);

Ġust ukoll li jingħad illi ma jirriżultax mill-provi illi dan il-każ jippreżenta elementi ta' vessatorjetà estrema jew ta' "*strong arm tactics*" da parti tal-Pulizija. Għandu però in komun għall-każijiet l-oħra fuq elenkati, il-fatt illi l-arrest preventiv sar wara illi l-Pulizija kienet irċeviet "informazzjoni" minn persuna li apparentement kienet anonima meta kkomunikat mal-Pulizija u li jekk ma kinitx hekk anonima, ċertament l-eżistenza tagħha bħala fatt – apparti l-identità tagħha – baqgħet ma ġietx ipprovata konkludentement lill-Qorti;

Il-ħtieġa ta' "*reasonable suspicion*" bħala prerekwiżit għall-arrest preventiv hi wkoll meħtieġa taħt is-subinċiż (1) ta' l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropeja;

*"The 'reasonableness' of the suspicion on which an arrest must be based forms an essential part of the safeguard against arbitrary arrest and detention which is laid down in article 5 para. (1)(c). The Court agress with the Commission and the Government, that having a reasonable suspicion* ***presupposes the existence of facts or information*** *which would satisfy an* ***objective observer*** *that the person concerned may have committed the crime, what may be regarded as 'reasonable' will however depend upon all the circumstances" (Fox, Campbell & Hardley – 30 August, 1990);*

Dan, kif sewwa osservat il-Qorti ta' l-Appell *(recte* l-Qorti Kostituzzjonali) fil-kawża "Toni Vella *vs* Kummissarju tal-Pulizija *et*" (fuq iċċitata):

"Il-kriterju tar-raġonevolezza huwa kriterju oġġettiv";

*"All the authorities on Police Powers are unanimous in the opinion that the adjective 'reasonable' implies an* ***'objective'*** *standard" (Dallison vs Caffrey, 1965);*

*"Nevertheless the Court must be enabled to ascertain whether the essence of the safeguard afforded by article 5 para. (1)(c) has been secured. Consequently, the respondent Government have to furnish* ***at least*** *some fact or information capable of satisfying the Court that the arrested person was reasonably suspected of having committed the alleged offence" (Fort, Campbell & Hardley - ibid);*

*"In reaching a reasonable suspicion a police officer by article 5 para. (1)(c) has been secured. Consequently, the respondent Government have to furnish* ***at least*** *some fact or information capable of satisfying the Court that the arrested peson was reasonably suspected of having committed the alleged offence" (Ford, Campbell & Hardley - ibid);*

*"In reaching a reasonable suspicion a police officer is not constrained as in a court, by rules of evidence and may take into account, for example hearsay or information from an informant" (McAyle vs Egan 1933) (Moss vs Jenkins - 1975);*

*"A police officer should take such steps as are* ***reasonable*** *in the circumstances to satisfy himself of the* ***probable truth*** *of*

*the information upon which he acts" (Leigh - Police Powers in England and Wales);*

Dan l-aspett tas-sospett raġonevoli, ġie ttrattat *funditus* ukoll mill-Avukat Dottor Mario de Marco fit-teżi tiegħu "*A Reappraisal of Police Powers*". Ġie wkoll ikkunsidrat b'mod l-aktar enfatiku u inċiżiv fil-kawża "Vincent Vella *vs* Kummissarju tal-Pulizija *et*", f'ċirkostanzi li - għal dak li jirrigwarda s-sors anonimu ta' l-informazzjoni li pprovoka l-arrest, is-suspett raġonevoli, ir-rejazzjoni ta' l-uffiċjal investigatur u r-responsabbilitajiet tiegħu u l-arrest innifsu, jippreżenta fatti speċje, kważi identiċi għal dawk taħt eżami;

Il-Qorti ta' l-Appell *(recte* Kostituzzjonali) hekk iddeliberat:

"Il-Liġi tagħna meta tafda l-poter importantissimu ta' l-arrest f'idejn l-uffiċjali tal-Pulizija u dak il-poter testendih anke meta jkun hemm 'suspett', mhux biss li ġie, **imma anke li ser jiġi** kommess delitt - ma tistax ma tippretendix li dan is-suspett ma jkunx wieħed leġġier jew kapriċċuż, imma tippretendi, li għall-kuntrarju, irid ikun wieħed gravi u doveruż u li jkun 'raġonevoli', huwa verament il-minimu ta' l-esiġenza tar-*ratio legis*. L-eżerċizzju ta' poter li jippriva l-persuna minn wieħed mill-akbar doni li nħolqot bih - il-libertà";

Il-Qorti, fl-isfond ta' dawn il-prinċipji, u waqt li tagħmel tagħha l-konsiderazzjonijiet tal-Qorti ta' l-Appell *(recte* Kostituzzjonali) f'każijiet analogi, fuq iċċitati, bla ħtieġa li hawn tirripproduċihom, tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet fuq il-fatti rilevanti għal dan il-Kap:

1. P.S. 497 Alfred Fabri, ingħata informazzjoni fuq biċċa

karta li ħallewlu quddiemu, meta daħal *second watch,* li kienet għaddiet karrozza minn ħdejn l-iskola ta' l-Imsida, li fiha kien hemm xi nies u li "xi ħadd minnhom" xejjer xi arma". Informazzjoni fuq biċċa karta, mhux okkorrenza normali u lanqas rapport dirett bil-fomm. Biċċa karta li kellha miktub fuqha biss in-numri ta' karrozza li wara rriżulta li kienet tar-rikorrent;

2. P.S. 497 Fabri, ma jirriżultax li pprova jivverifika din l-informazzjoni. Ma kellimx lill-persuna – presumibilment Pulizija ieħor, imma dan mhux stabbilit – li għaddietlu l-informazzjoni b'dan il-mod. Lanqas irriżulta li pprova jivverifika li l-kontenut ta' l-informazzjoni lilu mogħtija kienx korrett. Hu għaddieha bit-telefon lid-*duty officer,* l-intimat, dak iż-żmien spettur illum Assistent Kummissarju Psaila;

3. Ir-rejazzjoni ta' l-istess Spettur Psaila kienet hekk: "Qalli biex niċċekkja l-karrozza u dana peress li kienu tawni n-*number* tagħha u **kelli *instructions*** li malli nsib lil min tgħajjat din il-karrozza, jiġifieri lil min kien it-titolari tagħha, **jien kelli mmur u narrestah** u nġibu għax ried ikellmu. Jien hekk għamilt";

4. L-ordni għalhekk kienet li jiġi arrestat it-titolari tal-karrozza. Avolja kien hemm informazzjoni illi kien hemm aktar minn persuna waħda fil-karrozza, minn erbgħa sa ħamsa, avolja ma ngħata l-ebda indikazzjoni minn allegatament kellu l-arma u avolja ma kien hemm l-ebda informazzjoni li fil-karrozza kien hemm ir-rikorrenti. Is-Surġent ma ngħata l-ebda ordni biex jipprova jakkwista xi forma ta' verifika la fuq is-sors tar-rapport anonimu u lanqas li dan ir-rapport kellu xi fondatezza fir-realtà. Ingħata biss l-ordni li jarresta l-persuna li kienet it-titolari tal-karrozza li, fil-verità seta' ma kellu x'jaqsam xejn ma' l-allegat

inċident. L-ordni kienet ta' **arrest**, u mhux biex ir-rikorrent jiġi mitlub imur id-depot biex jgħin lill-Pulizija fl-investigazzjoni tagħha;

5. Rilevanti li għall-Pulizija li rċieva l-messaġġ u li ngħata l-ordni li jmur jarresta lir-rikorrent, l-inċident ma kienx wieħed mhux tas-soltu. ''Fil-fatt lanqas kont għamilt okkorrenza, kieku kien hemm xi ħaġa li ħassejt ta' ċerta gravità, jiena kont nagħmel l-okkorrenza speċjalment kieku rriżultali xi ħaġa''. Inċident żgħir li minnu ma rriżulta xejn u xorta persuna sfat mill-ewwel arrestata u miżmuma sitta u erbgħin siegħa (46) fid-depot tal-Pulizija, il-parti l-kbira minnhom, f'iżolament fil-*'lock-up'*. Dan waħdu hu indikattiv tal-leġġerezza li biha ġiet ittrattata – kif *del resto* ġara f'każi oħra ppruvati mill-Qorti – iċ-ċaħda tal-libertà ta' l-individwu li spiċċa għadda minn esperjenza trawmatika sempliċement għax xi ħadd seta' żerżaq in-numru tal-karrozza tiegħu quddem pulizija fil-Kwartieri tagħha. Sintomatiku wkoll illi l-informazzjoni dwar l-arma u n-nies li kien hemm fil-karrozza, ma kinitx imnizzla fuq il-biċċa karta li pprovokat l-inċident. Lanqas jirriżulta kif din is-suppost informazzjoni waslet għand is-Surġent Fabri u wara għand l-Ispettur. Lanqas jidher li l-Ispettur ħass il-ħtieġa, jew kellu l-inqas eżitazzjoni li jindaga dwar dan, **qabel** ordna l-arrest;

ċ. Jirriżulta pprovat illi ma saret l-ebda tfittxija għall-allegata arma qabel l-arrest. It-tfittxija li saret wara fil-karrozza tar-rikorrent, irriżultat għal kollox negattiva. Kif irriżultat ukoll negattiva l-indaġini li għamel l-Ispettur Psaila biex jistabbilixxi (i) jekk l-inċident ġarax verament, u (ii) kieku ġara, jekk ir-rikorrent kienx b'xi mod konness miegħu. Hu ovvju illi kien dover ta' l-uffiċjal inkarigat mill-investigazzjoni, li almenu jistabbilixxi element ta' prova illi l-inċident, illi fih allegatament

ġie kommess ir-reat, kien verament ġara jew li kien hemm il-possibbilità li jiġi kommess. Minn dan kollu l-intimat Psaila deherlu li ma kellu jagħmel xejn, ħlief, kif kien isir is-soltu, jordna l-arrest;

7. L-intimat Psaila jipprova jiġġustifika l-arrest preventiv, billi jsostni illi r-rikorrent ma kienx ikkoppera waqt l-interrogatorju, li naqas li jagħti spjegazzjoni tal-movimenti tiegħu u li jagħti spjegazzjoni għall-inċident li kienu rrapportawlu li allegatament ir-rikorrent kien ħa parti fih. Donnu nesa illi hu dritt ta' min ikun diġà ġie arrestat u li kien qed jiġi rinfaċċjat b'akkuża li kkommetta reat – f'dan il-każ reat gravi għax jinvolvi l-armi u l-użu tagħhom – li ma jikkooperax mal-Pulizija, li ma jirrispondix id-domandi li jsirulu u b'hekk jirriserva d-difiża tiegħu in omaġġ tal-prinċipju li hi l-prosekuzzjoni li trid tipprova l-addebiti kontra tiegħu. *Del resto* hu kurjuż xi spjegazzjoni kien qed jistenna l-intimat Psaila mir-rikorrent dwar inċident li meta sigħat wara ġie investigat – kif kien fid-dover li jagħmel qabel – "irrapportawli li lilhom (il-Pulizija) ma kien irriżultalhom xejn min-nies li kienu kellmu fis-sens ta' dak li kien jgħid ir-rapport li kien waslilna". Ippretenda allura spjegazzjoni ta' inċident, li skond il-provi, jirriżulta li ma ġarax;

8. Il-fatti kif ipprovati wasslu lill-Qorti għall-konvinċiment illi l-arrest preventiv għar-rikorrent fl-aħjar ipotesi għall-intimat Psaila, ġie ordnat minnu bħala mezz li tiġi akkwistata informazzjoni dwar l-allegat inċident, biex jiġi stabbilit qabel xejn jekk verament seħħx, u mhux għax kien hemm suspett raġonevoli li r-rikorrent kien involut f'xi inċident jew li verament, fih ikkommetta r-reat irrapportat. Arrest li anke taħt dan l-aspett limitat, ikun wieħed illegali u leżiv tad-drittijiet fundamentali ta' l-individwu;

9. Hu ovvju illi jekk l-arrest kien inizjalment illegali, in kwantu jirriżulta nieqes l-element bażiku li seta' jiġġustifikah – is-suspett raġonevoli – kull minuta li r-rikorrent għamel taħt arrest ikompli jaggrava l-vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu. Mhux biss, hu ċar ukoll illi anke jekk inizjalment – bħala prekawzjoni immedjata biex tiġi protetta s-soċjetà; u b'mod intuwittiv – wieħed jista' b'xi mod jiġġustifika l-ordni li l-Ispettur "jibgħat" għar-rikorrent, kien dover ta' l-uffiċjal tal-Pulizija investigatur li b'ċelerità u alakrità, jivverifika l-fatti u jikkonstata illi verament kienx jeżisti fondament validu għal sospett raġonevoli. Sospett raġonevoli li kellu jibqa' jissussisti għal kull mument li jkompli jipperdura l-arrest. Dan l-istat ta' fatt jirriżulta manifestament nieqes mill-provi. U hu ċar għall-Qorti illi l-arrest preventiv tar-rikorrent – anke kieku għall-grazzja ta' l-argument biss seta' jiġi, kif ingħad, inizjalment ġustifikat – sar arrest illegali u leżiv tad-drittijeit fundamentali *per durata* in kwantu ġie pprovat li dam ferm oltre dak li kien strettament neċessarju biex jiġi vverifikat is-sospett. Anke dan l-aspett ġie ampjament ittrattat f'każ f'ċirkostanzi simili, fil-kawża "Frankie Mifsud *vs* Kummissarju tal-Pulizija *et*", fuq riferit, u li l-Qorti tagħmel ampja riferenza għall-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti ta' l-Appell *(recte* Kostituzzjonali) li japplikaw *mutatis mutandis* għal dan il-każ. Il-Qorti naturalment taqbel li l-perijodu ta' tmienja u erbgħin siegħa li l-Kostituzzjoni tistabbilixxi bħala l-massimu li persuna tista' tinżamm f'arrest preventiv, ma jagħti l-ebda immunità lill-Pulizija li żżomm persuna arrestata għal dan il-perijodu bla ġustifikazzjoni valida fil-Liġi. L-arrest jista' biss isir jekk jirriżulta "sospett raġonevoli", u l-arrest għandu jintemm immedjatament appena tali sospett ma jibqax jeżisti. Il-libertà tal-bniedem hi prezzjuża wisq biex tippermetti illi tiġi mċaħħda għal istanti wieħed aktar milli jkun assolutament meħtieġ għall-protezzjoni tas-soċjetà kontra l-aġir kriminuż ta'

terzi. Anke taħt dan l-aspett il-Qorti hi sodisfatta illi ġew leżi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent meta ma ġiex meħlus mill-arrest, jew imqiegħed quddiem Qorti kompetenti biex jirrispondi għall-għemil tiegħu, appena kien ovvju li l-inċident li jipprovoka l-arrest, fil-fatt ma kienx ġara. Fatt dan li kellu jiġi stabbilit qabel ma sar l-arrest, imma f'kull każ seta' jiġi bla wisq diffikultà stabbilit, u fi żmien qasir. Anke għal dan id-dewmien ma tirriżulta l-ebda ġustifikazzjoni. Il-Qorti tirreġistra biss il-fatt li fi żmien ta' detenzjoni preventiva li pperdura madwar sitta u erbgħin siegħa, ir-rikorrent ġie interrogat biss mill-Ispettur Psaila għal ċirka ħmistax-il minuta. Fiċ-ċirkostanzi tal-każ fejn il-Pulizija jirriżulta li ma kellhiex f'idejha lanqas elementi ċerti biex tistabbilixxi jekk l-inċident verament seħħx jew le, u meta l-arrest personali kellu jidher mill-ewwel li ma kienx ġustifikat miċ-ċirkostanzi jew almenu li jsir f'ċirkostanzi, ta' lanqas dubbjużi, il-Qorti ma tistax ma tqisx li l-Pulizija aġixxiet b'mod inkuranti tal-valur tal-libertà tal-persuna ddetenuta li ċertament inżammet arrestata għal żmien ferm aktar minn dak li kien, strettament neċessarju. Dana fl-aħjar ipotesi, għall-intimati Kummissarju tal-Pulizija u l-Assistent Kummissarju tal-Pulizija Psaila, għax kif ingħad, fil-fehma tal-Qorti, l-arrest messu qatt ma sar;

Finalment, taħt dan il-Kap. il-Qorti jidhrilha illi *in vista* tal-premess ma huwiex wisq rilevanti jekk ir-rikorrent jingħatax fil-ħin ta' l-arrest jew detenzjoni tiegħu, ir-raġunijiet għaliex kien qed jiġi arrestat u ddetenut. Hemm konflitt ta' prova f'dan ir-rigward, fis-sens illi l-Ispettur Psaila jsostni illi informa lir-rikorrent bir-raġunijiet għall-arrest tiegħu, meta interrogah. Ir-rikorrent jikkontesta dan. Jibqa' però l-fatt illi s-Surġent tal-Pulizija Fabri li esegwixxa l-ordni ta' arrest mogħtija lilu mill-intimat Psaila, jikkonferma li fil-mument ta' l-arrest, u ċjoè meta ħadu l-ewwel darba fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, huwa ma

nformahx dwar iċ-ċirkostanzi illi qed jiġu adebitati lir-rikorrent u li kienu wasslu għall-arrest jew detenzjoni tiegħu, u lanqas tar-reati li kienu qed jiġu lilu kkontestati. Taħt dan l-aspett allura, tissussisti wkoll, ċertament teknikament, vjolazzjoni tas-subinċiż (2) ta' l-artikolu 35 tal-Kostituzzjoni;

It-talba tar-rikorrent għal dikjarazzjoni li l-arrest tiegħu kien jammonta għall-arrest arbitrarju bi ksur ta' l-artikolu 35 tal-Kostituzzjoni qed tiġi għalhekk milqugħa, in kwantu diretta kontra l-Kummissarju tal-Pulizija u kontra l-Assistent Kummissarju tal-Pulizija Psaila;

Il-Qorti issa tqis l-ilment tar-rikorrent illi ġew ivvjolati d-drittijiet fundamentali tiegħu meta ġie assoġġettat għal trattament degradanti u inuman **waqt** li kien qed jiġi ddetenut fil-*'lock-up'* tal-Pulizija fil-Furjana. Dawn huma l-elementi ta' fatt rilevanti għal dan l-ilment. Ir-rikorrent jilmenta:

1. Li nżamm f'ċella li kienet infestata bin-nemus li attakkawh tant li kellu jirċievi kura medika fl-Isptar San Luqa minħabba infezzjoni, appena ġie meħlus;

2. Li ma ngħatax attenzjoni u kura fil-*'lock-up'* appena talabha;

3. Li "ċ-ċella li fiha nżamm arrestat, kienet maħmuġa u nieqsa minn kull iġene umana";

Mill-provi jirriżultaw dawn il-fatti:

a. Ir-rikorretn wasal id-Depot x'is-**2.30 p.m.** u tħalla sas-**7.00 p.m.** ġo *"waiting room"*. Ma tħalliex joħroġ minnha

u l-Pulizija ma ppermettewlu jikkomunika ma' ħadd;

b. Fis-7.00 p.m. ġie ordnat jidħol f'ċella, wara li ġegħluh ineħħi l-lazzijiet taż-żarbun u ħadulu s-sigaretti. Il-Pulizija nformawh li l-arrest kien ser jibda jseħħ minn dak il-ħin – presumibbilment in relazzjoni maż-żmien massimu ta' tmienja u erbgħin siegħa, li l-Kostituzzjoni tippermetti għall-arrest preventiv. Ir-rikorrent – mhux bla raġuni – jikkontendi illi dan iż-żmien ta' arrest kellu jibda jgħodd mis-2.30 p.m., in kwantu kien minn dak il-ħin illi kien prekluż milli liberament jiddetermina l-movimenti tiegħu. Il-libertà tiegħu kienet ristretta u kien kostrett jobdi d-direttivi lilu mogħtija mill-Pulizija;

ċ. Għall-ħabta tat-**8.30 p.m.** ressquh quddiem l-intimat Spettur Psaila, għal interrogazzjoni qasira. Ġie mistoqsi ripetutament jekk kien ibbuwja lil xi ħadd. Ir-rikorrent irrisponda fin-negattiv u meta baqa' jinsisti, reġgħu qafluh fl-istess ċella f'x'id-**8.45 p.m.** Hu baqa' f'dik iċ-ċella sad-**9.30 p.m. ta' l-għada**. Allura jfisser illi r-rikorrent għamel aktar minn erbgħa u għoxrin siegħa f'din iċ-ċella u minnha ħareġ darba waħda biss għall-interrogazzjoni ta' madwar ħmistax-il minuta. Fix-xiehda tiegħu, l-intimat Psaila jsostni li waqt l-interrogatorju, hu fil-fatt talab spjegazzjoni mingħand ir-rikorrent dwar il-movimenti tiegħu, u wkoll informah bl-addebiti tar-reati li kienu qed jiġu lilu kkontestati;

1. Ir-rikorrent isostni illi "Ħaġa oħra li **kienet qed tiddetjeni** kienet il-kwantità kbira ta' nemus li kien hemm u stajt nara ċapep kbar ta' nemus li bdew iduru miegħi biex jattakkawni". Fil-fatt isostni li ġie migdum f'diversi partijiet ta' ġismu – f'wiċċu u f'dirajh. Ipprova jgħajjat biex xi ħadd jisimgħu, ħalli jara setax isir xi ħaġa ħalli ma jibqax jiġi migdum,

iżda għal xejn;

2. Il-gdim tan-nemus kien apparenti – innotah saħansitra l-Pulizija li kien għassa mal-*'lock-up'* – kien jeħtieġ medikament, tant li r-rikorrent kien ittieħed minn missieru minnufih l-Isptar San Luqa, appena ġie meħlus;

Ir-rikorrent isostni li ħadd ma kien ta kasu meta ġie attakkat min-nemus u ħadd ma għenu biex ipprovdielu rimedju. Ir-rikorrent isostni illi "prinċipalment in-nemus ġie **minħabba l-ħmieġ li kien hemm fiċ-ċella**";

Ir-rikorrent jekk jiddeskrivi ċ-ċella:

"iċ-ċella kienet maħmuġa per eżempju kien hemm intiena fil-kamra u l-lożor kienu kollha mtebba' bid-dbabar. Iċ-ċella kienet sottoposta għal bini ieħor u t-twieqi tagħha jagħtu għall-kuridur intern u mhux għal barra. Iċ-ċella ma kinitx waħda kbira, **kemm toqgħod is-sodda u jien**". Ir-rikorrent isostni illi l-ħmieġ u l-intejjen kienu insopportabbli. Jallega wkoll li kien dan l-istat ħażin taċ-ċella illi pprovoka l-konċentrazzjoni ta' nemus illi attakkawh;

Il-Qorti tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

1. Saret enfasi forsi żejda fuq l-inċident ta' l-infestazzjoni tan-nemus. Ċirkostanza sfortunata, imma li ma tistax raġonevolment tiġi addebitata għar-responsabbilità ta' l-intimat Kummissarju tal-Pulizija u lanqas ta' l-intimat Spettur Psaila. Għalkemm ma hux eskluż li l-ambjent xejn iġeniku seta' aggrava s-sitwazzjoni, ma hemmx dubju, li l-inċident ma ġiex ipprovokat minn xi aġir volut u kolpuż ta' l-intimati, lanqas min-nuqqas

ta' indafa fiċ-ċella. Kienet sitwazzjoni li mhux neċessarjament kienet legata għall-kondizzjonijiet ambjentali li fih kien miżmum ir-rikorrent u setgħet kienet dovuta għall-fatturi għal kollox indipendenti mill-volontà ta' l-intimati. Sitwazzjoni li setgħet ukoll avverrat ruħha faċilment f'ambjenti ta' "abitazzjoni" ferm diversi minn dawk li fih kien qed joqgħod ir-rikorrent, jekk jokkorru ċerti kondizzjonijiet naturali speċjalment fi żmien ta' sħana jew riħ isfel, li notorjament jiffavorixxu l-proliferazzjoni tan-nemus u insetti ta' kull tip f'ċerti nħawi;

2. Ir-rikorrent jilmenta illi hu talab li jingħata għajnuna, iżda ħadd ma tah widen;

Mhux eskluż li dan hu minnu, imma l-Qorti, ma tarax li dawn il-fatti, anke jekk indikattivi ta' ċerta non-kuranza da parti ta' l-uffiċjal tal-Pulizija li kien għassa mal-*'lock-up'*, jistgħu jammontaw għal trattament "inuman" fit-termini tal-liġi. Hu ċar li dan ir-rifjut li tingħata l-attenzjoni medika jew għajnuna trid tkun irrelatata mal-gravità tal-kundizzjoni ta' saħħa tad-detenut u mad-deterjorazzjoni mmarkata tagħha fiż-żmien tad-detenzjoni. Ma jistax jiġi kkunsidrat trattament inuman, in-nuqqas ta' attenzjoni li forsi setgħet xi ftit ittaffi inkonvenjent verament ta' diqa, imma li kien biss marġinalment deletorju għas-saħħa tad-detenut. Dan ukoll *in vista* tal-fatt illi r-rikorrent kien soġġett għal dan l-inkonvenjent għal lejl wieħed u mhux għal żmien itwal, meta l-kundizzjoni tiegħu setgħet allura tiddeterjora. F'din l-eventwalità kieku ġiet irrifjutata lilu assitenza medika meta mitluba, wieħed seta' jikkwalifika tali aġir bħala "inuman" - naturalment tenut kont tal-gravità u perikolu għas-saħħa skond iċ-ċirkostanzi. L-interpretazzjoni mogħtija lill-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja hi in fatti f'dan is-sens. fil-*"Bonnechaux case"* fejn kienet ġiet iddetenuta persuna ta'

erbgħa u sebgħin (74) sena, li kien ibati minn diabete u disturbi *cardio vascolari*, ġie hekk deċiż:

*"The Commission did not rule out that the detention of such a person* ***might****, in certain circumstances violate article 3. However, Bonnerchaux and really all other cases suggest that article 3,* ***would only be relevant if the applicant did not receive adequate treatment*** in prison. *Only one case points the way and later in Kotalia, the Commission espressly agreed with the Dutch Supreme Court that 'if the State,* ***when the state of health of a person deteriorates****, continues the detention but provides the necessary medical care, it does not act contrary to article 3' ". (Article 3 of the European Convention on Human Rights, P.J. Duffy, International and Comparative Law Quarterly – Volume 32, page 316 et s);*

Il-Qorti għalhekk ma taċċettax bħala valida s-sottomissjoni tar-rikorrent illi hu ġie assoġġettat għal trattament inuman u degradanti meta nżamm f'ċella li fiha ġie attakkat min-nemus matul il-lejl;

Ikkunsidrat:

Il-Qorti kienet aktar però ppreokkupata bil-kundizzjoni fil-*'lock-up'* fil-kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, li fil-fehma kkunsidrata tagħha, hi tali li, fil-kompless tagħha, tista' tiġi kkwalifikata bħala li tirrażenta ambjent li jiddegrada l-persuna u l-personalità umana. Mid-deskrizzjoni mogħtija aktar 'il fuq, mir-ritratti meħuda mill-perit fotografu nnominat minn din il-Qorti, u minn dak li kkonstatat din il-Qorti waqt l-aċċess, hemm diversi fatti li immedjatament u ovvjament jirriżultaw ripunjanti għal min hu sensittiv għat-trattament dekoruż tal-persuna umana

u dana f'termini bażiċi. Dawn jinkludu:

1. Id-daqs ferm ristrett taċ-ċella. Din ma tagħti l-ebda sfog lid-detenut li jagħmel xi moviment. Dan ma jista' jkun il-każ, meta detenut ikun kostrett – kif spiss hu u kif kien dan il-każ – li jibqa' fiha maqful għal sigħat sħaħ, bla ma joħroġ minnha;

2. In-nuqqas ta' servizzi sanitarji bażiċi maċ-ċella. Hi ħaġa umiljanti u degradanti li detenut irid jitlob il-permess ta' min ikun qed jissorveljah biex jaqdi l-ħtiġijiet naturali fiżiċi tiegħu. Is-servizzi sanitarji komuni huma rudimentali u ma jissodisfawx il-minimu ta' *'standards'* ta' iġjene li wieħed jistenna, speċjalment fejn hu ovvju li kien ser ikun hemm ċerta promiskwita bir-riskju li din timporta. Aktar u aktar, dan l-aspett isir preokkupanti meta jsiru allegazzjonijiet illi d-detenut lanqas jitħalla jisserva b'dawn il-faċilitajiet sanitarji komuni, imma jiġi ordnat jinqeda mod ieħor;

3. In-nuqqas ta' arja u dawl dirett minn apertura li tagħti direttament għal barra. Iċ-ċella in fatti, meta l-bieb ikun magħluq, tieħu ventilazzjoni minn loġġ dejjaq taħt is-saqaf. In-nuqqas komplet ta' dawl u arja naturali, jirrendi ċ-ċella għal kollox klastrofobika u l-iżolament huwa wieħed komplet u assolut;

4. Id-detenut hu kostrett minħabba n-nuqqas assolut ta' sors ta' dawl naturali li joqgħod bid-dawl mixgħul, b'mod li tul is-sigħat hu jista' jitlef ukoll l-orjentament tal-ħin u żmien;

5. In-nuqqas ta' kull forma ta' għamara fiċ-ċella, ħlief għas-sodda. Il-minimu li wieħed jistenna, għandu jkun li ċ-ċella jkollha mejda u siġġu rudimentali, li jippermettu lid-detenut li ma jibqax il-ħin kollu mindud u li jagħtuh l-opportunità illi

japplika ruħu f'kitba jew xort'oħra;

6. Ir-rikorrent u oħrajn li kieku ddetenuti fil-*'lock-up'* fl-istess żminijiet – kif jirriżulta mis-sentenzi fuq iċċitati – jilmentaw mill-istat ħażin ta' iġjene fil-*'lock-up'*. Jilmentaw mill-ħmieġ u rwejjaħ intollerabbli, mis-saqqijiet u lożor maħmuġin u mtebbgħin, użati minn ħaddieħor qabilhom. Dawn l-ilmenti huma komuni għad-detenuti kollha u l-Qorti ma għandhiex raġuni għaliex ma temminhomx, anke jekk waqt l-aċċess ma tistax tgħid li kienet milquta mill-fatt li dan kien il-każ. L-intimati jikkontestaw dan l-istat ħażin ta' iġjene u jsostnu illi l-*'lock-up'* jinżamm nadif. L-impressjoni li ħadet il-Qorti, kienet ta' ambjenti fil-*'lock-up'* li kienu skaduti u dekadenti, imma ġeneralment u bażikament nadif. Dan però mhux neċessarjament jirrifletti li l-istat taċ-ċelel infushom, u lanqas jeskludi li f'ċelel minnhom is-sitwazzjoni u ma kinitx kif deskritta mir-rikorrent u oħrajn. Il-probabilità hi li hekk kien;

Il-Qorti fformat l-opinjoni illi l-kundizzjonijiet fil-*'lock-up'* huma inferjuri għal dawk illi l-priġunier igawdi fil-ħabs ċivili. Dan hu inspjegabbli u inaċċettabbli. Speċjalment ikkunsidrat il-fatt illi d-detenzjoni ta' persuna fil-*'lock-up'* hi normalment waħda ta' **natura preventiva** u mhux **punittiva**. Meta d-detenut hu bħala regola persuna li qed tiġi miżmuma taħt sospett raġonevoli li seta' kkommetta reat li jkun qed jiġi investigat. Meta allura din il-persuna **għandha, skond il-Liġi, tkun preżunta li hi innoċenti** sakemm ma tiġix minn Qorti kompetenti li hi ħatja. Presunzjoni, li l-Kostituzzjoni trid li tiġi valorizzata u rikonoxxuta fil-prattika, anke mill-Awtoritajiet kompetenti biex jinvestigaw ir-reati, u inkarigati biex jippreveduhom fil-konfront taċ-ċittadini kollha, anke f'dawk li jkunu taħt suspett raġonevoli li setgħu kienu l-awturi tagħhom;

*"Article 6(2) of the Convention provides that a person who is charged with an offence must be presumed innocent until proved guilty. This presumpation of innocence should be respected not only during the examination in Court. Out of Court too, the accused – and thus also the person detained on remand – should not be treated as if his guilt were already established. The justification of the limitations to be imposed on the person detained on remand, should therefore be based on other criteria other than the limitations which result from a sentence of imprisonment" (Theory and Practice of the European Convention on Human Rights, P. Van Dick and G. Van Hoof);*

Dan qed jingħad għaliex hu ovvju għall-Qorti li:

a. Persuna tista' tkun issoġġettata għad-detenzjoni preventiva biss jekk tkun taħt suspett raġonevoli fit-termini tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropeja, li tkun tikkommetti reat. Jekk dan is-suspett raġonevoli ma jirriżultax fil-mument meta ġiet arrestata u jibqax in-neċessità għaż-żmien kollu sakemm baqgħet taħt arrest, persuna ma tistax tiġi ddetenuta fil-*'lock-up'* taħt arrest **preventiv** u verament lanqas band'oħra. Dan ifisser, illi m'hux leċitu li persuna **li ma tkunx hekk suspettata li kkommettiet reat** tinżamm fil-*'lock-up'* bħala mezz ta' konvinċiment biex **bħala xhud** tikkollabora mal-ġustizzja. Dan ikun jammonta mhux biss għal arrest illegali, imma jkun ukoll vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali ta' l-individwu;

b. Persuna li tkun taħt suspett raġonevoli li kkommettiet reat, tista' tkun iddetenuta preventivament għal żmien **li ma jeċċedix** dak permess mil-Liġi u mill-Kostituzzjoni, u li ma għandux ikun itwal minn dak li hu strettament neċessarju. Tali detenzjoni għandha tkun b'kundizzjonijiet tali li jġegħlu lid-

detenut jirrealizza l-gravità tas-sitwazzjoni li jkun fiha u li jġegħluh wkoll jirrifletti fuq l-opportunità li jkun korrett fl-atteġġjament tiegħu. Kundizzjonijiet però li ma għandhomx ikunu talment negattivi li jinfluwenzawh biex jaġixxi b'mod kontra l-volontà jew il-konvinċiment tiegħu. Kondizzjonijiet li ma għandhomx ikunu allura tali li jispingu lill-**persuna ddetenuta innoċentement** li tammetti inġustament għall-fatti li jkunu qed jiġu erronjament addebitati lilha u li tkun qed tiġi rrinfaċċjata bihom, basta b'hekk teħles mill-inkubu ta' detenzjoni taħt dawk iċ-ċirkostanzi. U persuna ddetenuta innoċentement bi żball, bi ħtija ta' ħadd u *in buona fede*, neċessarjament jista' jkun f'dak l-istadju bikri ta' l-investigazzjoni tal-Pulizija. Il-Qorti tifhem li l-kundizzjonijiet fil-*'lock-up'* fiż-żmien rilevanti għall-każ in eżami, u verament sal-lum, huma tali li ma jistax jiġi eskluż li jkollhom effett negattiv ta' din ix-xorta fuq persuna ddetenuta, f'każijiet fejn din tkun ta' ċerta sensibilità u disposizzjoni u speċjalment jekk qatt qabel ma kellha "x'taqsam mal-ġustizzja";

ċ. Dan qed jingħad bla ma l-Qorti tnaqqas mill-valur u effikaċja ta' l-impatt li neċessarjament għandu jkollu – u sewwa li jkollu – il-persuna taħt "suspett raġonevoli" li kkommettiet reat, mas-*severità tad-dixxiplina investigattiva li minnha l-arrest* preventiv neċessarjament tifforma parti. Dan però b'metodi li, f'kull każ, jirriżultaw aċċettabbli f'soċjetà demokratika, li jirrispettaw il-persuna u l-personalità umana f'kull mument u li jippermettu lid-detenut li jiddelibera b'ekwanibità fuq is-sitwazzjoni li sab ruħu fiha jew li ġab ruħu fiha. Dan kollu jinkwadra ruħu sewwa, infatti, fl-interpretazzjoni tal-Konvenzjoni Ewropeja fuq dak li tqis li hu trattament inuman u degradanti. Fil-*Greek case*, li bħal każijiet oħra rilevanti in materja ġew iċċitati miż-żewġ kontendenti in sostenn tat-teżi

rispettivi tagħhom – ġie ritenut illi:

*"Treatment of punishment of an individual may be said to be degrading if it grossly humiliates him before others* ***or drives him to act against will or conscious****"*;

Kriterju dan, li hu fih innifsu oġġettiv, **imma** li neċessarjament għandu riżvolti soġġettivi. Tant hu **hekk illi** f'*East African Asians vs United Kingdom case*, ġie ritenut illi t-trattament degradanti *"was conduct of a certain level of severity which lowers the victim in rank, position, reputation or character* ***whether in his own eyes*** *or in the eyes of other people"*. Element soġġettiv li però għandu jiġi vvalutat fid-dawl ta' kif wieħed jistenna illi persuna raġonevoli fil-kundizzjoni tiegħu, normalment tirrejaġixxi;

*"The views and reactions of the victim constitute an important consideration but that equally a state cannot be condemned for action which the victim finds degrading merely because of his own unreasonable attitudes of exceptionally sensitive nature"*;

Il-Qorti hi tal-fehma li l-kundizzjonijiet fil-*'lock-up'*, kienu u huma tali, li oġġettivament jistgħu – u l-Qorti tenfasizza l-kelma jistgħu – iwasslu persuna ddetenuta, f'ċerti każijiet u jekk jokkorru f'ċerti ċirkostanzi, li taġixxi kontra l-volontà u l-kuxjenza tagħha. Huma tali li f'ċerti aspetti huma degradanti tal-persuna u tal-personalità umana u dana oġġettivament u indipendentement minn fatturi soġġettivi partikolari għas-singolu detenut. Anke jekk dana b'mhux b'mod estrem u assolut. Anke jekk hu ppruvat illi fil-każ in eżami l-kundizzjonijiet li fihom kien qed jinżamm iddetenut ir-rikorrent – u hekk jirriżulta li

kien qed jiġi ddetenut innoċentement – ma kellhomx l-effett li jġegħluh jaġixxi kontra l-volontà u l-konvinzjoni tiegħu, billi jammetti għal reat li hu ma kkommettiex. Dan mhux biss għax ir-rikorrent, *ex admissis,* jipprofessa idejoloġija ta' resistenza passiva kontra l-abbuż tal-poter fil-kamp politiku u jħaddanha fil-prattika, imma forsi wkoll għaliex il-kundizzjonijiet fiżiċi fil-*'lock-up'* ma kinux akkumpanjati minn ċirkostanzi oħra estremi ta' theddid u vjolenza fiżika u psikika kif jirriżulta li kienet f'każijiet oħra, bħal per eżempju, "Tonio Vella *vs* Kummissarju tal-Pulizija *et*" u oħrajn, ġà ċċitati. F'dawn il-każijiet, il-Qrati ġustament, taw ferm aktar piż lil dawn l-inċidenti deplorevoli ta' vjolenza li jinduċu ribrezz u għadab, milli għall-kundizzjonijiet umiljanti ambjentali, li fihom kien qed jinżamm id-detenut. Dan għaliex, f'dawk il-każijiet, il-persuna tad-detenut, kienet qed tiġi attivament u volutament ivvjolata u mqiegħda f'riskju minn min kien fid-dover li għal kull kost jipproteġiha. Ċirkostanzi estremi li f'dan il-każ fortunatament ma jokkorrux. Mhux il-każ allura li l-Qorti telabora oltre dwar l-interpretazzjoni ta' l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni fejn jipprovdi li ħadd ma għandu jiġi assoġġettat għal piena jew trattament inuman u degradanti. Għandha tkun biżżejjed riferenza għas-sentenza ta' Tonio Vella fuq iċċitata, li tanalizza dan l-artikolu, fid-dawl ta' l-insenjament tal-ġurisprudenza nostrana u tal-Qorti Ewropeja;

Il-Qorti tikkonsidra però s-sottomissjoni ta' l-intimati illi t-trattament li għalih ġie assoġġettat ir-rikorrent ma kienx ilaħħaq grad ta' gravità tali li jinkwadra ruħu fi ksur ta' l-imsemmi artikolu tal-Kostituzzjoni. Jirreferu għall-każijiet fejn il-Kummissjoni Ewropeja rriteniet il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni ferm agħar minn dawk elenkati mir-rikorrent, ma kinux jivvjolaw l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni. Fosthom il-każ "*X vs United*

*Kingdom*", fejn l-ilment kien li d-detenut kellu jorqod lejl "*in a filthy cell which contained the stale urine and faeces of an earlier occupant*"; "*Reed vs United Kingdom*", fejn l-applikant ilmenta li nżamm għal tliet ġimgħat "*in cockroach infested cell*" u l-*Greek case*, fejn ġie rritenut illi detenzjoni fi stat ta' isolament f'ċella fil-*Pireus Security Police Buildings* ma kinitx tammonta għal trattament inuman u degradanti. Jingħad fir-rigward ta' dan l-aħħar każ, li apparti t-tul taż-żmien ta' isolament u l-atroċitajiet kommessi tul id-detenzjoni li f'dan il-każ bl-ebda mod ma jirriżultaw jew huma allegati, il-Qorti ftit tara differenza bejn il-kundizzjoni ambjentali fiżika taċ-ċella fil-'*lock-up*' ta' Malta u ċ-ċella fil-ħabs Grieg. Id-daqs, il-faċilitajiet sanitarji u xort'oħra, l-orjentament u l-kundizzjoni ġenerali taċ-ċella, huma prattikament l-istess. In-nuqqas kważi assolut ta' dawk u arja, hi tista' tgħid, identika għaż-żewġ ċelel. Kienu f'dan ir-rigward, aktar "progressivi" ċ-ċelel fil-ħabs notorju tal-Palazz Dukali tad-Doċi ta' Venezja, li kienu jippermettu vista anke jekk mill-bogħod u ristretta tal-laguna mill-isportell fil-bieba taċ-ċella, jekk u meta din kienet tkun miftuħa;

Ir-rikorrent jirreplika b'riferenza għall-każijiet fejn ġie rritenut mill-Kummissioni Ewropeja illi kien hemm trattament inuman u degradanti għal raġunijiet ferm anqas gravi minn dak taħt eżami, fosthom il-każ "*H vs Switzerland*", fejn ġie deċiż li kien hemm ksur ta' l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni għax id-detenut kien imġiegħel jilbes "*dirty clothes*" u ma ngħatax kura medika immedjata;

Fil-verità ma jeżisti l-ebda kriterju assolut:

"*The question when a treatment or punishment is inhuman or degrading must be judged by the circumstances of the case*

*and the prevelant use of the time... In its judgement "Ireland vs United Kingdom". The Court held:*

*"Ill treatment must attain a* ***minimum level of severity,*** *if it is to fall within the scope of article 3. The assessment of* ***this minimum is, in the nature of things relative****; it depends on all the circumstances of the case, such as the duration of the treatment, the physical or mental effect and in some cases, the sex, age and state of health of the victim". (P. Van Dick & Van Hoof ibid);*

Hu minnu wkoll li għadu ma ġiex sodisfaċentement iddeterminat x'għandu jkun dan il-"*minimum level of severity*" u għad hemm diverġenza u diversità kbira fid-deċiżjonijiet sal-lum mogħtija mill-Kummissjoni u mill-Qorti Ewropeja. Hu veru wkoll illi mhux biss ma teżistix uniformità fid-deċiżjonijiet, imma wkoll illi dan il-"*minimum*" ippermetta li ħafna każijiet li wieħed jistenna li jkunu kklassifikati bħala vjolazzjonijiet ta' l-artikolu 3 u li wieħed kien jistenna li jkunu universalment repunjanti minn soċjetà demokratika, ġew, diversi drabi deskritti "*unpleasant*", "*undesirable*" u "*understatements*" deskritti ta' din ix-xorta, imma "*they were not as grave as is required for the applicability of article 3*";

Il-Qorti temmen però li waqt li għandha wkoll tqis ir-rejazzjoni f'soċjetajiet oħra għal sitwazzjonijiet ta' din ix-xorta, għandha tkun fuq kollox iggwidata mill-kuxjenza tagħha u ma' dak li hi tqis li hu aċċettabbli, ġust u doveruż fis-soċjetà li tagħha tifforma parti, u dana mhux biss għaliex f'din il-kawża qed tapplika u tinterpreta l-Kostituzzjoni ta' Malta, in kwantu fiż-żmien rilevanti l-Kummissjoni Ewropeja ma kintix għadha tifforma parti mill-Korp Leġislattiv tal-pajjiż. Il-Qorti ma tifhimx

li għandha għalhekk tiġi kkondizzjonata mid-deċiżjonijiet fil-*Greek case*, fil-każ ta' l-Irlanda *vs United Kingdom*, *X vs Austria*, u oħrajn. Kif lanqas ma tifhimx li għandha tkun sodisfatta li l-kundizzjonijiet ta' detenzjoni u t-trattament tad-detenuti għandhom ikunu aċċettabbli f'Malta, sakemm dawn ma eċċedux il-limiti, li kienu jissodisfaw il-kurunelli griegi, jew li kienu jiġu assoġġettati għalihom it-terroristi għall-*I.R.A.* Tippreferi tistrieħ f'dan ir-rigward fuq il-ġudizzju tagħha. Tifhem ukoll li hemm għandha tkun orjentata l-amministrazzjoni pubblika li hi fid-dover li tissalvagwardja l-interess pubbliku u s-soċjetà kontra l-kriminalità, imma dana mhux a skapitu tar-riskju ta' vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali ta' l-individwu;

In konklużjoni l-Qorti waslet għall-opinjoni illi l-istat tal-*'lock-up'* kif kien fiż-żmien rilevanti u kif inhu sal-lum, jippreżenta aspetti li huma preokkupanti u li huma perikolożament viċin dak il-*''minimum level of severity''* li jwassal għal trattament inuman u degradanti, fit-termini ta' l-artikolu 47 tal-Kostituzzjoni. Kieku u jekk jokkorru ċirkostanzi oħra ta' **natura soġġettiva** għall-persuna ddetenuta – li fil-fehma tal-Qorti f'dan il-każ ma jokkorrux – seta' jkun hemm pożittivament vjolazzjoni ta' dan l-artikolu apparti r-riflessi li jistgħu naturalment isiru fuq il-volontarjetà u l-ispontanjetà ta' dikjarazzjonijiet magħmula mill-persuna ddetenuta f'ċirkostanzi simili. F'dan il-kuntest, l-amministrazzjoni pubblika hi mistiedna biex tagħmel l-evalwazzjoni tagħha u tieħu l-passi li jidhrilha xierqa u opportuni fid-dawl ta' l-iżviluppi moderni in tema ta' sigurezza ta' postijiet ta' detenzjoni in konformità ma' l-esiġenzi minimi li jirrispettaw il-persuna umana aċċettabbli f'soċjetajiet demokratiċi l-aktar progressivi;

Jiġi rrilevat illi jirriżulta mill-provi mhux ikkontesta illi l-

intimat Dottor Pulicino fiż-żmien meta kien hu Kummissarju tal-Pulizija, kien għamel miljoramenti sostanzjali fil-*'lock-up'* fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija. Kien infatti bena l-*'lock-up'* mill-ġdid u pprovda kundizzjonijiet minimi li fih illum, u li qabel ma kellux. Kien infatti pprovda anke l-faċilitajiet sanitarji rudimentali li jeżistu llum. Wieħed ma jifhimx x'setgħu kienu qabel jekk mhux ineżistenti. Ipprovda wkoll faċilitajiet biex jiġi servut xi ikel lid-detenuti. Kollha miżuri pożittivi li però ma wasslux biex jeliminaw u jinnewtralizzaw dawk il-fatturi negattivi li għadhom jirrendu l-*'lock-up'* sal-lum istituzzjoni *''a rischio''*, fejn *si tratta* ta' drittijiet fundamentali – anke jekk personalment jiskolpaw taħt dan l-aspett lil Dottor Pullicino. Kif tiskolpah ukoll id-dikjarazzjoni tiegħu – kondiviża in fatti mill-istess rikorrenti u mill-intimat Spettur Psaila – li hu ma kellu assolutament x'jaqsam xejn ma' l-inċident mertu tal-kawża. Ma hemm l-ebda traċċja ta' prova li tinvolvih jew li taddebitalu xi responsabbilità. La fl-arrest tar-rikorrent u lanqas fid-detenzjoni tiegħu;

Il-kjamat fil-kawża Dottor Pulicino, qed jiġi għalhekk meħlus u lliberat minn kull addebitu;

Ikkunsidrat dwar ir-responsabbilità ta' l-intimati;

Dan l-aspett tal-kawża f'ċirkostanzi analogi, ġie diversi drabi u awtorevolment ittrattat mill-Qorti Kostituzzjonali, fosthom fis-sentenzi tagħha fl-ismijiet, ''Frankie Mifsud *vs* Kummissarju tal-Pulizija *et*'', ''Tonio Vella *vs* Kummissarju tal-Pulizija *et*'', u ''John Vella *vs* Kummissarju tal-Pulizija *et*'', ġà ċċitati. Ġie rritenut illi:

''Fil-każijiet fejn il-vjolazzjoni ta' xi wieħed mid-drittijiet fundamentali u libertajiet ta' l-individwu, issir minn xi impjegat

tal-Gvern waqt li jkun jaġixxi eżekuttivament jew amministrattivament **bħala regola** għandu jirrispondi għal dik il-vjolazzjoni l-Gvern, jew il-Ministru jew il-kap ta' dipartiment li huwa responsabbli għal, u għandhom il-kontroll, ta' dak l-uffiċjal. Meta dik il-vjolazzjoni tammonta **wkoll** għal reat – delitt jew kontravenzjoni – allura għandha tirrispondi **wkoll** il-persuna li għamlet ir-reat'';

L-azzjoni hi prinċipalment kontra l-Istat bħala garanti tad-drittijiet fundamentali ta' l-individwu. L-Istat għandu fl-ewwel lok jirrispondi għall-vjolazzjoni ta' dawn id-drittijiet fil-funzjonarji tiegħu, li jservuh;

''Ir-responsabbilità ta' l-Istat hija diretta meta l-vjolazzjoni tkun l-effett tal-politika ta' l-Istat u indiretta u garantitistika meta tkun l-effett ta' l-operat illegali ta' l-impjegat. Għalhekk jirrispondi jew bħala eżekutur prinċipali jew bħala garanti ta' l-impjegati tiegħu'';

Fil-każ in eżami, ma jistax jingħad illi l-intimat Psaila kien qed jesegwixxi ''l-politika ta' l-Istat'', meta pproċeda għall-arrest tar-rikorrent bil-mod kif ipproċeda. Però l-Qorti hija sodisfatta illi huwa aġixxa skond il-**prassi** li kienet ġeneralment segwita fiż-żmien rilevanti, li kienet aċċettata bħala korretta u li żgur kellha l-barka tas-superjuri tiegħu. Prassi u aġir skorretti li ma jiskolpawx lill-intimat Psaila, imma li ċertament jikkonvolġu lill-Kummissarju tal-Pulizija *qua detenur* ta' tali kariga, direttament fl-abbuż tad-dritt u jirrendih korresponsabbli – anke jekk b'mod indirett għal-leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent. Ir-responsabbilità hi għalhekk solidali lejn il-Kummissarju tal-Pulizija u l-intimat Psaila u hekk ukoll huma solidalment bejniethom tenuti li jħallsu kumpens xieraq lir-rikorrent;

Fir-rigward tal-kumpens li għandu jiġi risarċit mill-intimati, il-Qorti qed tiddetermina *arbitrio boni viri,* is-somma ta' ħames mitt lira Maltija (Lm500) u dan fuq l-iskorta tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell, *(recte* Kostituzzjonali) fl-ismijiet "Frankie Mifsud *vs* Kummissarju tal-Pulizija *et*", ġà ċċitata. Dan peress illi l-fatti f'dik il-kawża jikkomparaw sewwa mal-fatti f'dan ir-rikors, il-perijodu ta' l-arrest illegali huwa prattikament xorta, l-arrest illegali ma kienx akkompanjat b'xi vjolazzjoni ta' xi dritt fundamentali ieħor, u d-difiża u l-iskużanti avvanzati mill-intimati huma wkoll l-istess;

Għal kull buon fini, il-Qorti tiddikjara li ma hux il-każ li tiddeklina li teżerċita s-setgħat fiha vestiti a tenur ta' l-artikolu 47(2) tal-Kostituzzjoni u dana għar-raġunijiet avvanzati fuq dan l-aspett, fis-sentenza ta' l-Appell, *(recte* Kostituzzjonali) fl-ismijiet "Vella *vs* Kummissarju tal-Pulizija *et*", ġà fuq iċċitata;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddisponi mir-rikors billi:

1. Tiddikjara li l-arrest ta' Joseph Azzopardi mill-intimati Kummissarju tal-Pulizija u l-Ispettur illum Assistent Kummissarju Joseph Psaila, sar b'mod li ġie vvjolat l-artikolu 34(f) billi ma kienx hemm suspett raġonevoli li huwa kien ikkommetta jew kien ser jikkommetti reat kriminali;

2. Tiddikjara li dawn l-intimati ma kinux ħatja ta' trattament inuman u degradanti bi vjolazzjoni ta' l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni;

3. Tillikwida l-kumpens dovut għall-vjolazzjoni taħt l-ewwel kap fis-somma ta' ħames mitt lira Maltija (Lm500), liema ammont għandu jitħallas solidalment bejn l-intimati

Kummissarju tal-Pulizija u l-Ispettur Psaila u hekk qed jiġu b'din is-sentenza kkundannati li jħallsu;

4. Tillibera minn kull responsabbilità addebiti u ħtija lill-kjamat fil-kawża l-Avukat Dottor Lawrence Pullicino għar-raġunijiet fuq esposti;

L-ispejjeż, barra dawk ġà deċiżi, jitħallsu mill-intimati Kummissarju tal-Pulizija u Psaila, b'nofs kull wieħed";

12. L-intimat Psaila appella u ssottometta dawn l-aggravji:

(a) Kif tgħid is-sentenza stess, biex huwa jirrispondi għall-addebiti irid ikun ikkommetta reat, imma dan m'għamlux u għalhekk m'għandux jirrispondi;

(b) Il-provi ma jurux li huwa aġixxa illegalment jew abbużivament u kien fid-dover li jinvestiga l-allegazzjoni ta' reat mill-informazzjoni li rċieva;

13. Ir-rikorrenti appella inċidentalment:

(a) Għaliex il-kumulu tal-provi juru li huwa ġie ttrattat b'mod inuman u degradanti; u

(b) L-ammont ta' kumpens illikwidat – ħames mitt lira (Lm500) huwa ammont irriżorju, u għandu jiġi awmentat;

14. Il-Kummissarju tal-Pulizija u Dottor Lawrence Pullicino aċċettaw is-sentenza;

12. Din il-Qorti, f'dan l-istadju ta' l-Appell, ippermettiet

li jiġi esebit il-*file* rilevanti tal-"*Criminal Investigation Department*" (CID/468/G/84) u dan fuq talba speċifika ta' l-intimat Psaila;

Dan l-inkartament, fuq il-qoxra ta' barra taħt ir-rubrika "*subject*" hemm dan:

"*Investigations regarding allegations that the driver/occupants of car No. B 9751 had uttered insults and threats at various helpers at Government Schools at Msida and Hamrun*";

liema titolu ġie rripetut fir-rapport li bih jibda l-"*file*" mibgħut jew magħmul minn "*Inspector J. Psaila*" lis-"*Superintendent CID*";

Jgħid ir-rapport li nkiteb l-għada ta' l-arrest, jiġifieri fil-11 ta' Ottubru, 1994:

"*.....I was instructed to take into arrest the driver of car No. B – 9751..... The information that was passed to me was that the occupants of this car who were armed had uttered insults and threats at various helpers. From what I have gathered this information was passed by telephone to Police Headquarters by one of the helpers who was instructed to do so by the PTA. No other details were made available*";

13. L-iskop ta' din il-prova addizzjonali kien biex l-intimat Psaila juri li huwa esegwixxa l-arrest tar-rikorrent kif kien obbligat li jagħmel fuq ordnijiet superjuri;

Fuq dan il-punt – huwa minnu li fir-rapport lis-

Suprintendent tad-Dipartiment tiegħu huwa jgħidlu *"I was instructed"* imma din l-espressjoni waħedha ma tantx illuminat il-prova. Minn min ġiet dik l-ordni lill-intimat?" Ma jidhirx li ġiet mingħand is-Superintendent li qed jirċievi r-rapport. Kif inhuwa redatt ir-rapport tingħata l-impressjoni li xi ħadd mill-*"helpers"* pajżana li kienu qed "jgħinu" fl-iskejjel *New Lyceum*, l-Imsida u l-Iskola Primarja f' *Victoria Avenue* il-Ħamrun, kien ġie ordnat mill-*"PTA"* (preżumibbilment *Parents-Teachers Assocation)* biex jirrapporta l-Kwartier Ġenerali u minn hemm xi ħadd ikkuntattja lill-Ispettur (kif kien dak iż-żmien) Psaila li kien qiegħed fil-*Power Station* tal-Marsa, biex dan jarresta lil min kien qed isuq il-karrozza B-9751 *Mazda* ta' kulur blu – dan kollu wieħed jasal għalih minn eżami tal-kontenut ta' l-inkartament fil-faxxikolu prodott fl-appell; kif se jkompli jiġi spjegat;

14. L-Ispettur Psaila mbagħad, wara li bdiet din il-proċedura quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fis-26 ta' Diċembru, 1984, kiteb *"Minute No. 22"* fl-istess *file* fejn lill-istess Suprintendent tas-*CID* irrapportalu dettaljatament fuq l-operat tiegħu – ta' Psaila fil-każ kollu – mill-arrest sa x-xiehda tiegħu quddiem il-Qorti;

15. Dak li laqat l-attenzjoni tal-Qorti kien illi fit-12 ta' Ottubru, 1984, f'*"Minute 2"* hemm dan:

"Supt. *CID*

*File recalled from CID Registry. C of P requested these papers. He drew my attention that it was not prudent nor correct to start my reports" upon instructions etc....." ";*

u fid-19 ta' Ottubru, 1984, il-Kummissarju tal-Pulizija ta' dak iż-żmien dottor Pullicino kiteb hekk f'"*Minute 3*":

"*Supt. CID*

*Insp. Psaila should clarify 1, starting "On the 10th October, 1984 – I was instructed to take into arrest etc.* ***since it is not clear that these instructiions were not given by somebody outside the Police Force***";

Billi minn dak li hemm fl-ewwel rapport ta' l-intimat Psaila wieħed b'ebda mod ma jista' jieħu l-impressjoni li l-istruzzjonijiet ħarġu minn xi ħadd li mhux fil-korp tal-Pulizija, wieħed jifhem li l-Kummissarju u l-intimat Psaila t-tnejn kienu jafu li hekk kien u allura s-Superintendent fil-25 ta' Ottubru, 1984, f'"*Minute 4*" jassumi r-responsabbiltà u jgħid:

"*A report was received at this and over the telephone. It was received by the telephone orderly at the C.I.D. The call was made by one of the helpers at the school that the occupants of the car were threatening the helpers;*

***I gave instructions to Insp. Psaila to investigate, this case***";

Però l-Kummissarju ma kienx sodisfatt b'din l-ispjegazzjoni u fis-26 ta' Ottubru, 1984, "*f'Minute 5*" kiteb illi:

"*Reports drawn up in this fashion.....do not give good impressions;*

*In this case take no further action (nfa) and put away file*

*(pa)*'';

Il-Kummissarju ma setax kien sodisfatt, għaliex xorta waħda s-Superintendent ma qalx li **huwa** ordna l-arrest. Din il-kritika tal-Kummissarju tispjega dak li kiteb l-intimat Psaila fil-*Minute 22* tas-26 ta' Diċembru, 1984, li billi hija pjuttost twila, iżda importanti, se tiġi annessa bħala Skeda A fl-aħħar ta' din is-sentenza;

Il-Kummissarju, is-Superintendent Bonello u l-Ispettur Psaila, kollha kienu jafu l-verità x'inhi, u l-aħħar wieħed ''*esprit de corps*'' allungat, affronta sidru biex jassumi responsabbilità ta' l-arrest, – ''ordnat'', ''indott'' jew b'xi mod ieħor, ''volut'' minn barra l-Korp tal-Pulizija;

16. Dawn il-provi ġodda jsaħħu u jikkonfermaw il-konklużjoni li waslet għaliha l-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza appellata. Anzi l-prova l-ġdida tillustra wkoll aspetti oħra: (a) illi l-''istruzzjonijiet'' mhux biss għall-intervent tal-Pulizija imma addirittura għall-arrest tar-rikorrent, ġew minn barra l-Korp tal-Pulizija, kif intqal, imma wkoll (b) li l-intimat, ċertament biex jogħġob is-superjuri tiegħu kien lest, biex xorta waħda jassumi r-responsabbilità ta' l-arrest bħallikieku kien ordnah hu, u mhux ikkonfermah u assumih, wara li kien diġà sar – probbabilment mis-Surġent Fabri li esegwih anki mingħajr mandat. Barra minn dan l-istess intimat Psaila jiftaħar kif irnexxielu fis-seduta tas-27 ta' Novembru, 1984, jevita li jixhed meta ġie mgħajjat fil-pedana tax-xhieda:

*''Upon taking the witness stand the Court again explained to me that should I feel that any question put to me could incriminate me, I had the right to request the Court to exempt*

*me from giving evidence. At this stage Dr. T. Azzopardi, counsel to applicant commenced his questions. I remained silent. The Court drew my attention that* ***I had to obey its orders and ordered me to answer to the questions. I remained silent and on the lookout for my demeanour.*** *When matters come to a head Dr. S. Camilleri intervened and requested the Court to listen to what he had to say'';*

Din il-Qorti ma tistax ma tirreġistrax il-kuntrast stridenti bejn is-sottomissjoni ta' l-intimat Psaila li huwa m'huwiex ħati ta' ebda vjolazzjoni għaliex huwa, bħala uffiċjal lejali u ddixxiplinat tal-Korp tal-Pulizija ma setax ma jobdiex l-ordni tas-superjuri tiegħu biex jarresta lir-rikorrenti u dan in konformità mal-liġi, imma mbagħad dak l-attakkament għall-osservanza tal-liġi, ta' lealtà u ta' ubbidjenza ma jestendux għad-dover superjuri tiegħu bħala uffiċjal tal-Pulizija biex jobdi l-ordnijiet tal-Qorti, u jagħmel mill-aħjar tiegħu biex jevita li jaqdi dover superjuri ċjoè li jaqdi l-esiġenzi tal-ġustizzja. L-inqas li jista' jingħad huwa li uffiċjal tal-Pulizija aġixxa b'mod li juri li m'għandu l-ebda idea ta' x'kien verament id-dover tiegħu skond il-ħaqq, skond il-Kostituzzjoni u skond il-liġijiet. Kull ma jifhem hija l-volontà tas-superjuri tiegħu fil-''Korp'', direttament u indirettament, u li jikkuntenta u li jakkomoda dik il-volontà u l-ordnijiet li tesprimi;

17. Is-sentenza appellata tiddeskrivi preċiżament u dettaljatament kemm l-istat taċ-ċella li fih inżamm magħluq ir-rikorrenti kif ukoll l-attakk tan-nemus li kienu jinfestaw l-istess ċella u l-effetti ta' dak l-attakk fuq il-ġilda tar-rikorrent. Iżda mbagħad meta l-ewwel Onorabbli Qorti ġiet biex tikkunsidra l-**effett** ta' dak li ddeskriviet għall-applikabbilità ta' art. 36(1) tal-Kostituzzjoni:

"Art. 36(1) - Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal piena jew trattament inuman jew degradanti", waslet għall-konklużjoni kuntrarja;

*18.* Din il-Qorti tibda biex tgħid illi l-konċett ta' "*trattament inuman*" jikkomprendi konsiderazzjoni storika, fissens illi l-umanità *o meno* ta' trattament irid jiġi rriferit ukoll għall-mument storiku li fih jingħata għaliex it-trattament irid jieħu in konsiderazzjoni l-istadju fejn ikun wasal l-avvanz teknoloġiku għad-disposizzjoni ta' l-umanità. L-amputazzjoni ta' sieq fis-*Sacra Infermiera* fl-1784 li ssir mingħajr anestesija ma tikkwalifikax bħala trattament inuman imma jekk dan, *volutament*, u mingħajr ġustifikazzjoni medika, jagħmlu kirurgu fl-Isptar San Luqa fl-1984, il-qabża storika ta' *mitejn sena* tkun ikkwalifikat it-trattament, li allura, - għal raġunijiet li nistgħu nsejħulhom komplessivament storiċi - l-istess trattament minn uman sar inuman;

19. Tgħid is-sentenza appellata:

"In-nuqqas ta' servizz sanitarji bażiċi fiċ-ċella. Hija ħaġa *umiljanti* u degradanti li detenut irid jitlob il-permess ta' min qed jissorveljah biex jaqdi l-ħtiġijiet naturali, fiżiċi, tiegħu. Isservizzi sanitarji komuni huma rudimentali u ma jissodisfawx il-minimu ta' "*standards*" ta' iġjene li wieħed jistenna, speċjalment fejn hu ovvju li kien ser ikun hemm ċerta promiskwità bir-riskju li din timporta. Aktar u aktar, dan l-aspett isir preokkupanti meta jsiru allegazzjonijiet illi d-detenut lanqas jitħalla jisserva b'dawn il-faċilitajiet sanitarji komuni, imma jiġi *ordnat* jinqeda mod ieħor";

Ma' din l-osservazzjoni s-sentenza żżid:

(a) Id-daqs ferm ristrett taċ-ċella;

(b) Ċella nieqsa kważi kompletament minn arja u dawl naturali tant li d-detenut jinżamm il-ħin kollu lluminat artifiċjalment, qisu tiġieġa għall-produzzjoni;

(ċ) Ċella sprovvista minn **kollox** – ħlief sodda b'lożor maħmuġin u jintnu;

L-ewwel Qorti infatti tasal biex tgħid illi:

"....il-kondizzjoni fil-"*lock-up*" fil-Kwartier Ġenerali tal-Pulizija, fil-fehma kkonsiderata tagħha, hi tali li, fil-kumpless tagħha tista' tiġi kkwalifikata bħala **li tirrażenta ambjent li jiddegrada l-persuna u l-personalità umana**";

Għal din il-Qorti dan huwa biżżejjed biex jinvoka l-applikazzjoni ta' l-artikolu 36(1) tal-Kostituzzjoni. L-ewwel Onorabbli Qorti ġiet impressjonata oltre miżura, minn dak li dehrilha li huwa l-enfasi kemm fis-sentenza ta' Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ikkonfermata minn din il-Qorti fil-5 ta' April, 1991 – Tonio Vella *vs* Kummissarju tal-Pulizija *et*. (Vol. LXXV.I.106) li l-garanzija kostituzzjonali kontra l-inuman u degradanti huma limitati, jew aħjar, huma arġinati għad-djuq ta' gradi ta' **severità** u **estremità** u jekk ma jirrikorrux dawn il-kwalifiki allura l-inuman u d-degradanti huma ttollerati. Din il-Qorti ma tikkondividix. Bla dubju ta' xejn ċertu grad ta' gravità – jrid jirrikorri sabiex il-Qorti tintervjeni iżda, fiċ-ċirkostanzi deskritti f'dan il-każ, ma jidhirx dawk iċ-ċirkostanzi kienu traskurabbli, jew aħjar, ma jaqbżux dak il-marġini ta' tolleranza li jippermetti lill-Qorti li ma tesiġix **strettament** trattament uman u ordinarju anki jekk dan ikun sa ċertu punt umiljanti;

20. Ċertament din il-Qorti lanqas ma taqbel, difatti, mas-sentenza appellata rigward il-prova ta' l-attakk eċċessiv tan-nemus fiċ-ċella fuq ir-rikorrent. Ma taqbilx illi din kienet manifestazzjoni solita għall-klima mediterranea fix-xahar ta' Ottubru meta n-nemus ma jonqsux. Il-Qorti ma tistax tippretendi li fiċ-ċella ebda nemusa ma kellu jkollha d-dritt ta' aċċess, imma lanqas ma tista' tinjora attakk massiċċ ta' dawk l-insetti b'tali mod illi wiċċ ir-rikorrent intefaħ u kull fejn kellu espost – għonqu u anki l-partijiet ta' fuq ta' ġismu, jimtlew mhux b'sempliċi tingis imma nfafet, allura m'hemmx aktar lok ta' tolleranza anki għaliex – u **fuq kollox** – din il-Qorti impressjonaha l-fatt li r-rikorrent beda jgħajjat għall-għajnuna – u ħadd ma mar jara x'setgħa kellu bżonn – omissjoni din li setgħet ġiebet konsegwenzi gravissimi għaliex hija wkoll parti mill-kondizzjoni umana li l-bniedem huwa soġġett għal diversi varjetajiet ta' attakki, mhux esterni bħal dak tan-nemus – imma interni, bħal dak tal-qalb. U kieku dan kien il-każ, ċertament l-eżitu ma kienx ikun ta' trattament inuman u degradanti imma ta' dramma traġika irriversibbli;

21. U din il-Qorti jidhrilha li għandha wkoll tistaqsi jekk dan kollu kienx jew huwiex neċessarju, b'xi mod, għall-politika ġenerali, tant impellenti, għas-sopressjoni tad-delitti, u għall-kundanna severa tal-kriminali. Ma jidhrilhiex. Il-kriminali ħaqqu piena severa, proporzjonata għad-delitt li tiegħu ikun instab ħati, imma anki din il-punizzjoni vitali u bżonjuża, għandha fil-gravità tagħha stess tibqa' dejjem imbegħda minn dik id-degradazzjoni tal-personalità tal-kriminali li tirrendih aktar viċin għal bestja milli l-aspetti bioloġiċi tiegħu jikkonsentixxu;

22. Fil-każ konkret naturalment, imbagħad, hawnhekk ir-rikorrent mhux talli ma kienx "kriminali" imma talli l-Ispettur

Psaila stess ħa l-impressjoni li d-detenut fiċ-ċella ma kienx jidher li huwa t-tip li jħobb jilgħab bl-armi;

Tkun qed tonqos gravament din il-Qorti Kostituzzjonali jekk fil-kumpless kollu tal-provi ta' dan il-każ, ma tarax li r-rikorrent kellu jkun ikkonsiderat – mill-intimati kollha u minn kull min kellu b'xi mod konnessjoni ta' awtorità magħhom, kemm f'dak il-mument u kemm sussegwentement – protett mill-garanziji kostituzzjonali li ċ-ċittadini kollha ta' dan l-Istat ta' Dritt, li huwa l-Istat ta' Malta – għandhom igawdu u minnhom jużufruwixxu. Il-Qorti assolutament, ma tarax li hemm xi raġuni plawsibbli għal dan il-kwalità ta' trattament lil dawk li jinstabu ħatja ta' delitt, aħseb u ara għal dawk li jkunu biss **issospettati** ħatja ta' delitt, u mbagħad b'mod aktar enfatiku għal dawk li mill-ewwel jidhru li m'għandhomx lanqas jiġu ssospettati. U dan ukoll huwa fattur kwalifikanti ta' trattament degradanti li għaliex kompletament – **fih innifsu** – arbitrarju u abbużiv tal-poter. Id-degradazzjoni għandha wkoll fattur soġġettiv importantissimu, li ma jistax jiġi injorat anki għaliex id-degradazzjoni hija, minnha nfisha, diskriminatorja u relattiva għall-persuna soġġetta għat-trattament;

23. Ir-responsabbilità għal dan l-istat ta' fatti – mill-istat ta' ċella għal komportament ta' dawk li kienu responsabbli għal-"*lock-up*" – taqa' naturalment fuq il-Kummissarju tal-Pulizija bħala l-Kap tad-Dipartiment tal-Gvern li huwa obbligat għall-garanziji kostituzzjonali kollha;

24. Il-Qorti ma taqbilx mal-lament tar-rikorrent għal dak li huwa l-ammont ta' kumpens illikwidat mill-ewwel Onorabbli Qorti, u tiddepreka l-użu dispreġġjattiv tal-kelma "*tip*" li biha r-rikorrent iddeskriva dan l-ammont. Dik il-likwidazzjoni mhix

se tiġi ddisturbata;

25. Għal dak li huwa t-trattament inuman li din il-Qorti issa qed tikkonstata, qed jiġi llikwidat kumpens ta' mitejn lira (Lm200). Fuq dan l-ammont, illikwidat bil-kriterji monetarji li kienu **għadhom jimperaw fl-1984**, għandhom jitħallsu wkoll interessi, bir-rata legali;

Fuq din il-likwidazzjoni l-Qorti għandha tispjega illi kellha bilfors tieħu in konsiderazzjoni dawn il-fatturi:

(a) L-ewwelnett, kif intqal, il-kriterji ekonomiċi u monentarji taż-żmien;

(b) It-tieni nett jidher ċar mill-provi, rigward l-istat taċ-ċella u l-konsegweni ta' dak l-istat - sanitarju u fiżiku - li fuqhom hija bbażata l-vjolazzjoni tat-trattament inuman, illi dak l-istat kien dovut kienet indrat, illi ma kinitx għadha nħolqot kuxjena amministrattiva tal-gravità tas-sitwazzjoni;

(ċ) In-novità ta' kwistjoni kif deċiża, u, finalment, l-aktar importanti;

(d) Li, l-Qorti qiegħda **tmur oltre l-*minimum* stabbilit u garantit mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem,** għaliex jidhrilha li dan huwa kkonsentit skond il-Kostituzzjoni, il-kriterji u speċjalment il-valuri tas-soċjetà Maltija u l-fehmiet u s-sensibilitajiet tagħha fuq l-istess elementi kostitwenti trattament inuman u degradanti;

26. Għal dawn ir-raġunijiet, għalhekk, din il-Qorti qed tiddisponi mill-appell prinċipali u minn dak inċidentali billi

tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li tikkonfermaha f'dik il-parti tagħha fejn sabet li r-rikorrent sofra vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu garantiti mill-artikolu 34(f) tal-Kostituzzjoni u li għall-istess vjolazzjoni kienu ħatja l-intimati Kummissarju tal-Pulizija u l-Ispettur, illum Assistent Kummissarju Joseph Psaila, u llikwidat kumpens għall-istess fis-somma ta' ħames mitt lira (Lm500) li għandhom jitħallsu mill-istess intimati msemmija, solidalment, u tirrevokaha għall-bqija billi ssib il-Kummissarju tal-Pulizija ħati ta' trattament inuman tar-rikorrent fit-termini supra esposti u tikkundanna lill-istess Kummissarju li jħallas lir-rikorrent kumpens ta' mitejn lira (Lm200) bl-interessi legali mid-data tal-preżentata tar-rikors promotorju;

L-ispejjeż barra dawk li ġew deċiżi qabel l-ewwel sentenza, jitħallsu hekk – dawk tar-rikorrent, jitħallsu kollha mill-Kummissarju tal-Pulizija, barra minn kwart mill-ispejjeż ta' l-appell li għandu jbatihom l-istess rikorrenti l-bqija ta' l-ispejjeż għandu jbatihom ukoll l-istess Kummissarju barra minn dawk ta' l-Assistent Kummissarju Joseph Psaila li jiġu ssopportati minnu stess;

Skeda annessa mas-sentenza ta' l-14 ta' Diċembru 1994

"*Needless to say I was also instructed to investigate the matter. Eventually car No. B-9751 and its driver were brought to the CID at 2.30 p.m. by PS 497 Fabri on the same day. In the circumstances these investigations were not initiated on the strength of any information, report or complaint received by the undersigned, or as usual on the strength of a telephone message emanating from one of the Police Districts, but upon information which was received and passed to me for investigation. There are cases when the investigating officer is directly involved in*

*the case, having witnessed/received and gathered the evidence himself, and thus in such circumstances he has to assume and shoulder responsibility throughout the case, both as regard the action taken as well as its outcome. On the other hand when one is acting on instructions regarding an anonymous information which was passed on to him to investigate (as in case under reference), although the officer concerned may be responsible at law for any arrest or search that he performs, yet he is only pursuing an order to take such action. Hence when compiling an* ***internal*** *report referring to the latter instance it is justified that an officer comments accordingly, especially if he forsees action which might be forthcoming from the parties involved in the issue. I see no reason for concern on the part of the Police Department in such instances, as I feel no concern whatsoever when I act spontanequsly in other similar cases, in which I am directly involved assuming responsibility throughout, and this whatever the risk;*

*3. on the 12th October 1984, Joseph Azzopardi filed a judicial protest in the First Hall of the Civil Court against the commissioner of Police and the undersigned. In his protest Azzopardi maintained that he was arrested by the Police without being given reasons for his arrest and was kept in police custody for 31 hours. Azzopardi also protested that he was detained in a filty cell, lacking any minimum standards of hygene, so much that it was infested with mosquitoes;*

*Following his release he alleged that he was constrained to go to St Luke's Hospital for medical treatment. In his protest Azzopardi Joseph alleged that the Police action constitued an illegal arrest in violation of Section 359 of the the Criminal Code and article 35 of the Constitution of Malta. He further*

*complained that he was detained in a degrading and an inhuman environment in violation of article 37 of the Constitution of Malta. Azzopardi is therefore holding the Commissioner of Police and the undersigned responsible for any damages he had suffered or was likely to suffer and reserved all right to proceed against us according to law. The judicial protest was signed by Dr. E. Debono, Dr. S. Frendo, Dr. G. Bonello and Dr. T. Azzopardi;*

*4. On the 23rd November, 1984, Mr Justice J. Filletti sitting in the First Hall of the Civil court in its Constitutional Jurisdiction started to hear the case for redress brought by Joseph Azzopardi. Dr S. Camilleri, Counsel for respondents contended that Azzopardi's application was procedurally defective since it did not specify the provisions of the Constitution violated. The Court put off the case for the 27-11-84;*

*5. On the 27th November 1984, the Court continued hearing the case. The Court gave a decree that there was nothing irregular in that one of the parties pointed out a certain point of law but in fact it was the Court which had to decide on the matter. The Court further decreed that after having considered further the plea and the reply it felt that the application as orally explained was acceptable according to law. At this stage Dr. S. Camilleri informed the Court that he intended to appeal against this decree and asked the Court to postpone the case until the appeal was decided. The Court decreed that the case should proceed. Dr. S. Camilleri again requested a short postponement in order to examine the Court's decree. The Court acceeded to this request. After this short break Dr. S. Camilleri declared that he intended to file an appeal. At this stage I was asked to take the witness stand and the Court explained to me my rights according to law, to request the Court to exempt me from any*

*question. Dr. S. Camilleri once again informed the Court of his intention to appeal from this ruling;*

*6. Upon taking the witness stand the Court again explained to me that should I feel that any question put to me could imcriminate me, I had the right to request the Court to exempt me from giving evidence. At this stage Dr. T. Azzopardi, counsel to applicant commenced his questions. I remained silent. The Court drew my attention that I had to obey its orders and ordered me to answer to to the questions . I remained silent and on the lookout for my demeanour. When matters came to a head Dr. S. Camilleri intervened and requested the Court to listen to what he had to say. At this stage the Court fined Dr. S. Camilleri Lm10 on finding him guilty of contempt of Court. Dr. Camilleri then entered a minute into the records of the case wherein he said that he had repeatedly requested the Court to hear him, however the Court had repeatedly failed to give him the opportunity to make his submissions. The Court had also refused his requests to enter minutes into the records of the case which he deemed necessary. Dr. S. Camilleri therefore felt that in view of the circumstances it was not possible for him to continue with the defence and he withdrew from the room. In view of the above I requested the Court to be assisted by another counsel according to law. In the circumstances the Court had no option but to put off the case for hearing for the 4-12-84;*

*7. On the 4th December, 1984, the case was put off for hearing for the 28-12-84. In the meantime an appeal has been entered before the Constitutional Court, and it is due for hearing for the 27-12-84;*

*8. Finally I feel that I have given a clear and thorough*

*explanation regarding case under reference, setting all minds at rest that these instructions were not given by somebody outside the police department.*